- *DANNI –*
- *SKID –*
- *LIKWIDAZZJONI TA' DANNI F'MEWT –*
- *ETA` ANZJANA – ARBITRI BONI VIRI-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' llum l-Erbgha 29 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 31**
**Citazzjoni Numru: 474/97/RCP**

**Carmela Attard, armla minn Gregory sive Gori Attard u ulied l-istess Gori Attard u cioe' Joseph, Antoinette Fenech, Myriam, Charles u Laura, ilkoll ahwa Attard, qua eredi tieghu**

**vs**

**Stephen Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi f'incident stradali li okkorra fit-30 ta' Dicembru 1992 fil-Blata l-Bajda miet Gregory sive Gori Attard ta' 82 sena safa` mwegga' minn vettura Fiat Special numru T-2355 li kienet misjuqa mill-konvenut Stephen Micallef;

Illi dan l-incident, li b'konsegwenza tieghu gara s-sinistru fuq imsemmi, sehh bi htija esklussiva tal-konvenut *stante* li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi b'konsegwenza ta' dan kemm Carmela Attard, l-armla tal-mejjet, kif ukoll uliedha l-ohra l-atturi sofrew danni skond il-ligi u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi allura jehtieg li jigu likwidati d-danni sofferti u dan wara li l-konvenut kien gie nutilment interpellat sabiex jaghmel dan;

L-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi okkorra bi htija esklussiva tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:

In linea preliminari l-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu l-konvenut m'ghandux jahti ghall-incident *de quo* liema ncident issuccieda tort unikament tal-mejjet Gregory Attard meta qasam ghall-gharrieda quddiem il-konvenut u b'hekk wera negligenza u mperizja.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.9 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Marzu 1998; tat-12 ta' Ottubru 1998; tad-29 ta' Jannar 1999;

Rat in-nota ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-atturi li biha gie ezebit l-affidavit ta' Charles Attard;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 1999;

Rat in-nota tal-konvenut li biha rtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Frar 2000; tas-26 ta' Mejju 2000; tas-17 ta' Ottubru 2000 fejn xehed Ronald Victor Fleri; tat-30 ta' Jannar 2001 fejn xehdu l-iSpettur Francis Micallef, Ronald Fleri u Adrian Attard;

Rat in-nota ta' l-atturi li biha ezebew l-affidavits ta' Joseph Attard u t-tabib Dottor Arthur George Mercieca; tat-22 ta' Marzu 2001 fejn xehdu Dr.Micallef Stafrace, Mr.Joseph Zammit, Ronald Fleri u Carmel Attard. Dr.Irene Bonello ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar hlief jekk ikun il-kaz tipprezenta nota spjegattiva dwar id-danni;

Rat in-nota tal-atturi;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Bonello ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Il-Qorti laqghet it-talba biex issir nota ta' osservazzjonijiet u tat zmien ta' erbghin gurnata lill-atturi bil-visto/notifika li jkollu erbghin gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002; u tal-21 ta' Marzu 2001

fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop ghad-29 ta' Mejju 2002;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi u tal-konvenut.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) RESPONSABBILITA' TAL-INCIDENT</u>

Illi l-kawza titratta dwar incident li sar fil-Blata l-Bajda nhar it-30 ta' Dicembru 1992 fejn fih Gregory sive Gori Attard gie mtajjar, safa' mwegga' u bhala konsegwenza tilef hajtu.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jsostni li huwa ma jahtix ghall-istess incident peress illi l-mejjet Gregory Attard qasam ghall-gharrieda quddiem il-konvenut.

Illi xehed **Ronald Victor Fleri**, xhud okulari, li spjega li kien qed jaqsam it-triq hdejn il-kappella tal-Blata l-Bajda flimkien ma' iehor (certu Minuti) u quddiemhom kien hemm zewg anzjani. Dawn kienu qed jaqsmu sejrin il-knisja ghall-quddies. Ix-xhud kien min-naha ta' l-i*stage* ghal nofs it-triq mentri l-anzjani kienu min-nofs it-triq ghal fuq il-bankina, kienu waslu hdejn il-kappella. Kien hemm *zebra crossing*

imma mhux *lights* – kien hemm globu jixghel u jitfi. Kienet qed tqattar ix-xita u *"F'daqqa wahda rajt karozza gejja"* li laqtet lil Gori bil-*mudguard* ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug u l-vittma nqaleb u gie mal-*windscreen* u tar ghal quddiem il-bieb. Is-sewwieq kien sejjer lejn il-Hamrun. Ix-xhud qal li l-mejjet kien circa metru u nofs mill-bankina u kien fuq iz-*zebra crossing*. Gori waqa' u x-xhud mar jghinu u mar icempel ghall-ambulanza u ttiehed l-isptar. Huwa ma setax jiftakar min kien is-sewwieq pero' jaf li l-karozza kienet Fiat.

Illi l-**Ispettur Francis Micallef** kien l-ufficjal investigattiv u mar fuq il-post tal-incident. Hu qal li l-incident gara ezatt fuq iz-*zebra crossing* li hemm f'St.Joseph, High Road fejn hemm il-kappella tal-Museum. Il-vettura kienet sejra mill-Belt lejn il-Hamrun. Id-daqqa kienet fuq in-naha tax-xellug. Meta wasal Attard kien ittiehed diga'. Ezebixxa kopja tar-rapport tieghu. Huwa kellem lis-sewwieq Stephen Micallef li qallu li kien sejjer ghax-xoghol u li f'daqqa wahda sab lil dak quddiemu u ma ndunax bih; kif ukoll li ma kienx hemm dawl bizzejjed. L-incident sehh filghodu kmieni qabel is-sitta jigifieri kien ghadu d-dlam. Is-sinjali kienu korretti kollha. *Sketch* ma hax minhabba li kien hemm inkjesta.

Illi 'n kontro-ezami qal illi kien hemm dawl bizzejjed u li l-bozozz l-orange kienu jixghelu. Il-pulizija kellmu lill-konvenut, mhux fuq il-post tal-incident imma aktar tard, u l-konvenut gibdilhom l-attenzjoni fuq id-dawl. Biss ix-xhud qal li kienu vverifikaw fuq id-dawl fl-*area* u skond huma kien

hemm dawl bizzejjed, *"jigifieri kien hemm indikazzjoni bizzejjed li ghaddej bniedem".* Illi fir-rapport hemm li "*the lights of the pedestrian crossing were not lit".* Illi pero' bhala vizwali *on the approach* minkejja li ma kienx hemm *spot lights* iz-*zebra crossing* kienet tidher. Saret procedura kriminali u kien ikkundannat ihallas Lm1000 u sospensjoni tal-licenzja ghall-30 xahar.

Illi **Joseph Attard,** bin il-mejjet, fost affarijiet ohra xehed li huwa kien id-dar meta xi nies qalulhom li kienu hadu lil missieru l-isptar peress li kien wegga'. Huwa u huh marru l-isptar u sabuh fi stat hazin. Marru l-ghassa tal-Hamrun, staqsew min kien tajjar lil missierhom u l-konvenut ammetta quddiemhom li t-tort kien tieghu ghall-incident li fih huwa laqat u wegga' lil missierhom. Wara x-xhud u huh Charles marru fuq il-post fejn gara l-incident u sabu l-karozza tal-konvenut ghadha hemm u nnotaw li kellha n-naha tax-xellug tal-*windscreen* mifqugh 'l gewwa u kemm il-pilastru tax-xellug kif ukoll in-*number plate* kienu mghawgin.

Illi xehed ukoll l-**Avukat Dr.Joseph Micallef Stafrace** li kien l-espert fl-inkjesta magisterjali fir-rigward tal-incident in kwistjoni kif assistit mill-espert tekniku Joseph Zammit. Huwa rrefera ghan-notamenti u xehed dwar il-hsarat li kkonstata fuq il-karozza u qal li *din kellha l-parti tax-xellug tal-windscreen mifqugh u kkusksjat 'il gewwa; li l-parti tal-car, cioe' faccata max-xellug kien hemm tarf tan-number plate mitwi 'l gewwa bhal ghafsa fil-bumper li sehh frisk*

*ghal fuq il-ghatu tal-magna li jibqa' sejjer sal-hsara tal-windscreen." "Il-karreggata kienet imxarrba kollha kemm hi. Fil-karreggata ma kien hemm ebda brake marks."* Meta kellem lill-konvenut qallu li kien ghaddej bi *speed* ta' 30/35 mili fis-siegha u lemah ragel fuq iz-*zebra crossing* qed jaqsam min-nofs it-triq lejn il-knisja. *"Qasam ghal nofs it-triq ta' quddiemi, ibbrejkjajt u l-car baqghet tiskidja u gbidt lejn warajh u lqatt iehor li ma kontx ilhaqt qabel".* Huwa qal li kollox kien sew bhala dawl barra d-dwal taz-*zebra crossing.*

Illi 'n kontro-ezami qal li meta mar fuq il-post il-vittma kien ittiehed l-isptar. Il-konvenut xehed minn jeddu u dwar id-dawl qallu hekk: *"Id-dawl kollu tal-pedestrian crossing kien mitfi, hemmhekk hemm arblu wiehed fuq il-bankina tal-kappella, l-ispot light kien mitfi zgur, il-lewn safrani ma nafx. Id-dawl ta' mal-bankina tan-naha l-ohra tat-triq, cioe' it-tela' ta' Triq il-Kubrit ma nafx jekk kienx mixghul. Il-verita' hi li jien pero' naf li fejn il-kappella tal-Musuem hemm zebra crossing."* Il-konvenut kien lemah wiehed u kif ipprova jevitah gie l-iehor u l-incident b'hekk gara fuq iz-*zebra crossing* lejn in-nofs *piu` o meno*. L-i*spot lights* li juru l-isfel ghal fuq iz-*zebra crossing* kienu mitfija pero' dawl fit-triq kien hemm.

Illi xehed ukoll **Joseph Zammit** li kien assista lil Dr.Joe Micallef Stafrace bhala Perit Legali u ghamlu rapport kongunt. Ix-xhud ezamina l-vettura u mill-ezamijiet teknici li ghamel ma sab l-ebda hsara li setghet ikkagunat l-incident.

Illi **Carmelo sive Charles Attard**, iben il-vittma, spjega kif sar jaf li missieru kien l-isptar u x'gara meta mar jarah. Qal li huwa u huh marru l-ghassa fejn skond huwa l-konvenut qalilhom li kien it-tort tieghu. Imbaghad mar jara flimkien ma' huh fejn gara l-incident u sabu l-karozza ghadha hemm.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hi konvinta li kawza tal-incident mertu tal-vertenza odjerna huwa unikament il-konvenut Stephen Micallef. Infatti ghall-istess incident hemm ix-xhud okulari Ronald Victor Fleri li f'dak il-hin kien qed jaqsam ukoll fl-istess triq ma xi hadd iehor. Huwa xehed li quddiemhom kien hemm zewg anzjani fosthom il-vittma, li kienu qed jaqsmu min-nofs it-triq ghal fuq il-bankina tant li kienu waslu hdejn il-kappella. Ix-xhud qal li *"f'daqqa wahda rajt karozza gejja "* li laqtet lil Gregory Attard bil-*mudguard* ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug u l-vittma nqaleb u gie mal-*windscreen* u tar ghal quddiem il-bieb. Meta ttajjar Attard kien circa metru u nofs mill-bankina u kien fuq iz-*zebra crossing*. Dawn il-hsarat huma kkonfermati wkoll mir-rapport ezebit (Dok. "AC 1") mill-ufficjal investigattiv tal-incident l-Ispettur Francis Micallef. Hemm infatti mnizzel is-segwenti: *"On inspecting the vehicle involved, it was observed that the front windscreen was smashed on its left side. The front bumper, which was very dusty, had dust brushed away on its left side. Also the bonnet had dust drushed away on its left part."* L-istess inghad mill-Espert fl-inkjesta Magisterjali l-Avukat Dr.

Joseph Micallef Stafrace li xehed li l-karozza li kienet malandata sew, kellha *"l-parti tax-xellug tal-windscreen mifqugh u kkusksjat 'il gewwa, li l-parti tal-car, cioe' faccata max-xellug kien hemm tarf tan-number plate mitwi 'l gewwa bhal ghafsa fil-bumper li sehh frisk, ghal fuq il-ghatu tal-magna li jibqa' sejjer sal-hsara tal-windscreen"* L-istess hsarat gew konstati minn Joseph Zammit u l-ulied tal-vittma Joseph u Carmelo sive Charles Attard li wara l-incident marru fuq il-post tal-incident u sabu li l-karozza kienet ghada hemm.

Illi 'noltre' jinghad li fir-rapport ta' L-Ispettur Francis Micallef tnizzel li Gregory Attard bl-impatt spicca bejn wiehed u iehor zewg metri quddiem il-karozza ghalkemm meta l-Ispettur mar fuq il-post il-vittma kien diga' ttiehed l-isptar. Izda dan gie kkonfermat minn Ronald Victor Fleri li kien prezenti fil-mument li l-vittma ttajjar.

Illi dan kollu qed jinghad *stante* li l-konvenut sostna li kien ghaddej bil-mod u kkonferma li l-i*speed* kien madwar 30m.p.h. Illi dakinhar kienet qed tqattar ix-xita, u dan mhux kontradett, u l-art kienet imxarrba. Il-konvenut xehed *"Malli rajtu ghafast il-break b'kemm kelli sahha, pero' fuq l-art imxarrba l-karozza zelqet u lqat ir-ragel li kien qed jaqsam."* Illi pero' fir-rapport tal-Ispettur tnizzel li l-ebda *brake marks* ma kienu osservati. *Inoltre'* huwa ferm inverosimili li kien ghaddej bi *speed* daqshekk moderat kif sostna huwa meta kemm in-natura tal-hsarat fuq l-istess karozza kif ukoll il-fatt

li l-vittma spicca circa zewg metri quddiem il-karozza juru mod iehor.

Illi l-konvenut sostna wkoll li l-karozza tieghu zelqet minhabba li l-art kienet imxarrba izda din certament ma tezimix lill-konvenut minn ebda responsabbilita' tal-istess incident u dan peress kif intqal fis-sentenza **"Hugh P. Zammit vs Keith Farrugia"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001):

*"Dwar l-iskid jinghad, li skond il-gurisprudenza nostrali, tali azzjoni hija ghal kollox newtrali, fis-sens li fiha nfisha la tindika responsabbilita' u lanqas nuqqas taghha fir-rigward tas-sewwieq tal-istess vettura, izda sabiex wiehed ikun jista' jattribwixxi r-responsabbilita' ghas-sewqan kollha li kkawzaw l-istess skid, liema cirkostanzi ovvjament imbaghad jindikaw ir-responsabbilita' o meno fis-sewqan tal-persuni involuti – **"Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard"*** (P.A. RCP 25 ta' Jannar 2001).*"*

Illi hekk ukoll f'dan il-kaz, fejn hu minnu li l-art kienet imxarrba u ovvjament il-karozza tal-konvenut setghet zelqet xi ftit izda zgur li mhux hi kienet il-kagun tas-sinistru. Il-verita' hi li l-konvenut kif ammetta huwa stess mal-Ispettur Francis Micallef ma ndunax bir-ragel li kien qed jaqsam it-triq u b'hekk tajru. Anki minn dak li qal lill-Avukat Dr.J.Micallef Stafrace li *"... u nilmah ragel fuq iz-zebra crossing qed jaqsam minn nofs tat-triq ghal lejn il-Knisja, qasam ghal nofs it-triq ta' quddiemi, ibbrejkjajt u l-car*

*baqghet tiskiddja u gbidt lejn warajh u lqatt iehor li ma kontx ilmaht qabel.”* Dan huwa sinjal li l-konvenut, li qal huwa stess li kien a konoxxenza li kien hemm *zebra crossing* hemmhekk, kien qed isuq bi traskuragni u naqas li jzomm *proper look out* u ma rax dak li kien *in plain view*.

Illi fl-ahharnett il-konvenut ipprova jiggustifika l-incident peress li kien hemm ghadu d-dlam u l-i*spot lights* li suppost idawlu z*-zebra crossing* ma kienux mixghulin. Illi infatti fir-rapport tal-Ispettur Francis Micallef rrizulta li *“the lights of the pedestrian crossing were not lit”,* u dan kif ikkonfermat mill-Espert l-Av. Dr. Joseph Micallef Stafrace. Izda pero’ fix-xhieda ta’ l-istess Spettur irrizulta li dawl bizzejjed kien hemm u li l-konvenut kien jghaddi ta’ spiss minn hemm u dan ifisser li huwa kien jaf l-akkwati sew u li kien qed javvicina strixxa pedonali. Kwindi lanqas din il-gustifikazzjoni mressqa mill-konvenut ma tezonerah mir-responsabbilita’ tieghu ghall-incident in kwistjoni.

**(B) LIKWIDAZZJONI TA’ DANNI**

Illi f’dan il-kaz ghandna l-werrieta tal-vittma li qed jitolbu li jigu risarciti ghad-danni sofferti mill-istess vittma. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament preseduta li kkummentat hekk fuq dan l-aspett tal-kawza fis-sentenza fl-ismijiet **“Anthony Turner et vs Francis Agius et”** deciza fis-17 ta’ Frar 1998 (Cit.Nru. 180/94/GCD) u cioe’:-

*"Id-dritt ghar-risarciment ghad-danni hu dritt patrimonjali li jintiret bhall-ohrajn, u m'ghandux ikun modifikat ghax jghaddi b'wirt f'idejn is-successur, id-dritt tas-successur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tieghu."*

Illi dan huwa bbazat fuq il-fatt li kif jidher car mic-citazzjoni attrici l-atturi qed jaghmlu din il-kawza bhala *aventi causa* mill-mejjet u ghalhekk jidher car li d-danni li qed jigu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma fil-mument tal-incident li llum qed jigu ezercitati mill-istess atturi bhala successuri tal-istess.

Illi dan huwa bbazat fuq il-fatt li kif jidher car mic-citazzjoni attrici l-atturi qed jaghmlu din il-kawza bhala *aventi causa* mill-mejta tant li fl-istess citazzjoni attrici jinghad li *'huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirrizulta mill-anness dokumenti'* u ghalhekk jidher car li d-danni li qed jigu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma fil-mument tal-incident li llum qed jigu ezercitati mill-istess atturi bhala successuri tal-istess.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ta' danni vantata mill-atturi hija l-istess azzjoni spettanti lill-vittma naxxenti mid-danni li soffriet kawza tal-incident *de quo,* u ghalhekk dak li qed jigi ezaminat illum huma l-istess drittijiet li kien ikollha l-vittma li kieku baqghet hajja u li fil-fatt kellha sakemm hija kienet ghadha hajja; dan iwassal ghall-konsegwenza li tigi wkoll in prattika eleminata l-anomalija li kienet inholqot anke tramite gurisprudenza precedenti ghal din is-sentenza fuq citata

fejn min ikkawza id-dannu kien iwiegeb f'ammont inqas meta persuna tinqatel kawza tal-agir irrisponsabbli u negligenti tieghu milli meta kien biss ikorri l-istess vittma, li kienet b'hekk isofri dizabilita' permanenti.

Illi f'kaz ta' mewt invece l-persentagg ta' dizabilita' permanenti huwa bla dubbju ta' mija fil-mija (100%) u ghalhekk it-talba ghar-risarciment ta' danni ghandha tigi diretta lejn dan l-istess persentagg, u dan jikkonferma il-principju li d-dritt u l-valur tal-hajja huwa wiehed assolut u totali u hekk ghandu jigi rispett u rikonoxxut fil-ligi nostrali, b'dan li din is-sentenza qed tirrikonoxxi mhux biss l-gherf u l-umanita' tad-decizjoni citata, izda wkoll il-principji legali sodi li fuqha hija bbazata u li fuqhom din il-Qorti qeghda timxi.

Illi minn dan isegwi li l-istess atturi mhux qed jezercitaw l-azzjoni *iure proprio* izda bhala eredi tal-mejta, u ghalhekk dak li qed jigi ezaminat ma huwiex l-effett li l-istess mewt tragika halliet fuq il-familjari taghha, dipendenti minnha jew le, izda d-dritt ta' danni sofferti mill-vittma li tramite l-ligi tas-successjoni gie trasmess lill-eredi, b'dan li d-dritt tal-azzjoni tal-vittma w id-dritt illum ezercitat mill-eredi taghha huwa l-istess wiehed identiku.

Illi dan il-kuncett gie espress b'dan il-mod fl-istess sentenza u cjoe':-

*'Jekk il-ligi tippermetti u trid li l-atturi jirtu lill-mejta, ukoll jekk ma jiddependux minnha ghall-ghejxien taghhom, il-qorti ma tistax tghid li l-atturi ma jirtux ukoll id-dritt ghad-danni li kienet tiehu l-vittma li kieku baqghet hajja. Il-fatt li l-vittma setghet, kieku baqghet hajja, tizzewweg u ghalhekk ma jirtuwhiex il-genituri u hutha ma jibdilx il-fatt li, meta mietet qabel il-waqt, ghax kellha x-xorti hazina li tafda hajjitha f'idejn sewwieq bla ghaqal, l-eredi taghha kienu l-atturi tallum".*

Illi dan l-istat ta' fatt huwa wkoll rikonnoxut fil-ligi taghna *stante* li l-**artikolu 1045 tal-Kap 12** jiddisponi li:-

*'(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba l-inkapacita' ghall dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib'.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara'.*

Illi l-**artikolu 1046 tal-Kap 16** ikompli hekk:-

*'Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan'.*

Illi mela l-ligi ma taghmilx differenza bejn it-tip ta' danni bejn il-kaz ta' dizabilita' permanenti f'kaz ta' persuna li twegga' u tibqa' hajja u fil-kaz ta' persuna li tmut, u l-istess principji ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* japplikaw, kollha soggetti ghac-cirkostanzi tal-kaz in partikolari; li hija sinifikattiv fl-**artikolu 1046** hawn citat huwa li l-istess disposizzjoni tirrikonoxxi id-dritt tal-werrieta li jagixxu ghad-danni sofferti mill-mejjet, u la darba l-istess ligi titkellem fuq *werrieta* huwa ovvju li l-azzjoni li din qed tirreferi ghaliha hija proprju dik spettanti lill-persuna li tkun soffriet l-istess hsara u dan anke peress li fil-kaz ta' mewt il-ligi qed titkellem fuq *inkapacita' totali ghal dejjem* b'riferenza diretta ghat-telf ta' hajja tal-istess individwu, u dan kollu jikkonferma li l-eredi qed jagixxu bhala s-successuri fid-drittijiet tal-istess vittma tal-akkadut.

Illi stabbilit il-premess isegwi li l-kwistjoni ta' *dependency* hija superfluwa fil-kuntest tal-principji fuq esposti u ghalhekk din il-Qorti, dejjem bir-rispett, qed tiddipartixxi mill-gurisprudenza stabbilita bhala fil-kaz **'Maria Pace et vs Joseph Abela'** , **'Josephine Desira proprio et nomine vs Joseph Cassar'** (P.A. 13 ta' Jannar 1995), **'Joseph Meli et nomine vs Captain Edward sive Teddy**

**Cachia** (P.A. 21 ta' Novembru 1994), **'George Cumbo et nomine vs Robert D'Anastasi** (P.A. 23 ta' Ottubru 1992) ; **'Pauline Lia proprio et nomine vs Paul Debattista** (P.A. 6 ta' Novembru 1995) u **'Josephine Xerri et vs Saviour Spiteri et nomine'** (M.S. Ghawdex 22 ta' Frar 1985), kif *di piu'* ghamlet is-sentenza citata **'Anthony Turner et vs Francis Agius'.**

Illi din il-Qorti wkoll tafferma dak li gie enuncjat fl-ahhar sentenza citata li ma ghandu jsir ebda tnaqqis mis-somma li ghandha tigi likwidata ghal dak li setghet tikkonsma il-vittima kieku hija baqghet hajja *stante* li dan it-tnaqqis ma jsirx fil-kaz ta' persuna li baqghet hajja u ghalhekk ma ghandux isir fil-kaz ta' persuna li tmut, u dan huwa konsegwenti tal-fatt guridiku li tali dritt ghar-risarciment tad-danni jintiret mill-eredi bla ebda modifika, u *'d-dritt tas-successur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tieghu. Jekk nghidu mod iehor inkunu qeghdin nergghu nghidu li aktar jaqbillu min isuq hazin isuq ftit aghar sabiex il-konsegwenzi tas-sewqan hazin tieghu jkunu aktar serji, sabiex lill-vittimi joqtolhom flok ikorrihom. Din hija haga li l-ligi zgur ma tridhiex; u ma ghandux ikun li min ghandu jwiegeb ghal danni jghid mn'Alla qatilha lill-vittima ghax li kieku baqghet hajja izda inkapacitata ghal kollox kien ikun aghar ghalih'*.

Illi ghal dak li huwa likwidazzjoni ta' danni jinghad fl-ewwel lok li l-vittma Gregory Attard kellu 82 sena u kwindi huwa kien pensjonant fil-mument tal-incident li b'konsegwenza tieghu huwa tilef hajtu. Illi Adrian Attard, impjegat mad-

Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, xehed li l-mejjet kien jircievi rata ta' pensjoni ta' l-irtirar ta' Lm32.12 fil-gimgha sakemm miet, kif ukoll bonus ta' Lm116 fis-sena. Illi il-mejjet kien ukoll jippercipixxi l-ammont ta' Lm44.33 f'idejh fix-xahar u bhala gross l-ammont ta' Lm48.33 bhala pensjoni tal-*Port Workers' Scheme*. Dan kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Kwindi l-mejjet kien jippercepixxi Lm1786..24 + Lm579.96 li flimkien jammontaw ghall-ammont ta' elfejn u tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm2366.20) fis-sena.

Illi tibqa' l-kwistjoni tal-multiplier li ghandu jigi wzat *stante* li l-vittma fil-mument tal-incident kellu 82 sena. Illi mill-affidavit tat-tabib kuranti tal-mejjet irrizulta li l-vittma kien fizikament f'sahhtu u li seta' jimxi normalment. Dan ukoll kif konfermat minn ulied l-istess mejjet. Illi ghalhekk din il-Qorti tenut kont illi l-bniedem fiz-zmenijiet tal-llum qed ighix izjed dovut principalment ghall-avvanzi li saru fil-medicina, tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000), u dan minghajr ebda referenza ghall-applikazzjoni ta' *multiplier* anke minhabba l-eta` avvanzata tal-istess persuna.

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995 intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif*

*presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm bhala regola din l-evalwazzjoni ghandha tigi applikata, pero' certament mhux *sine qua non stante* li dan jiddependi hafna fuq ic-cirkostanzi tal-kaz *de quo,* u fl-opinjoni tal-Qorti, hemm kazijiet fejn lanqas dan il-persentagg ghall-*lump sum payment* lanqas ghandha titnaqqas, ghaliex lanqas tirrifletti r-realta' tad-danni sofferti, u din id-decizzjoni ghandha tkun imhollija f'idejn il-gudikant li jkun qed jezamina l-istess kaz fid-dettalji kollha tieghu, nkluz il-likwidazzjoni ta' danni sofferti.

Illi ladarba ghaddew kwazi tnax-il sena mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* m'ghandux ikun ta' aktar minn 3% b'dan ghalhekk li l-ammont ghandu jinzel ghall-Lm4,850.

Illi konsegwentement qed jigi likwidat l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi *in linea* ta' danni u li huwa ta' erbat elf tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm4,850) liema ammont ghandu jithallas lill-atturi mill-konvenut Stephen Micallef.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi okkorra bi htija esklussiva tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' erbat elef tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm4,850);

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont likwidat ta' erbat elef tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm4,850)

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2002.**